# Ir-Raba’ Ħadd ta’ l-Avvent

## Qari I

*Arawha, ix-xebba ssir omm.*

Is 7, 10-14

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**

[10]F’dak iż-żmien, il-Mulej issokta jkellem lil Aħaż u jgħidlu: [11]«Itlob
sinjal għalik mingħand il-Mulej, Alla tiegħek, f’qiegħ l-art jew fl-għoli
tas-smewwiet.»

[12]U Aħaż wieġeb: «Ma nitlobx: ma rridx nittanta lill-Mulej.»

[13]U l-profeta wieġeb: «Isimgħu, mela, dar David! Mhux biżżejjed
għalikom li tkiddu lill-bnedmin, biex issa se tkiddu lil Alla tiegħi?
[14]Għalhekk is-sinjal jagħtihulkom Sidi stess: Araw, ix-xebba titqal u
tiled iben, u ssemmih Għimmanu-El.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 23 (24), 1-2.3-4ab.5-6

R/. (7c.10b): Ħa jidħol il-Mulej, hu s-Sultan tal-glorja

[1]Tal-Mulej hi l-art u kull ma fiha,
id-dinja u kull ma jgħix fiha.
[2]Għax hu fuq l-ibħra waqqafha
u fuq ix-xmajjar fis-sod qegħedha. R/.

[3]Min jista' jitla' fuq l-għolja tal-Mulej,
min joqgħod fil-post imqaddes tiegħu?
[4]Min għandu idejh indaf u qalbu safja,
min ma jagħtix ruħu għall-frugħa. R/.

[5]Dan ikollu barka mingħand il-Mulej,
u l-ħlas li ħaqqu minn Alla, is-Salvatur tiegħu.
[6]Dan hu n-nisel ta' dawk li jfittxuh;
li jfittxu 'l wiċċek, Alla ta' Ġakobb. R/.

# Qari II

*Ġesù Kristu, min-nisel ta' David, u Iben ta' Alla.*

Rum 1, 1-7

**Bidu ta' l-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani**

[1]Pawlu, qaddej ta' Kristu Ġesù, imsejjaħ biex ikun appostlu, maħtur
għall-Evanġelju ta' Alla. [2]Dan hu l-Evanġelju li Alla kien wiegħed
permezz tal-profeti fil-Kotba Mqaddsa [3]dwar Ibnu Ġesù Kristu Sidna
li, skond it-tnissil tal-ġisem, twieled min-nisel ta' David, [4]u, skond
l-Ispirtu s-Santu, ġie rivelat bħala l-Iben ta' Alla b'kull qawwa
permezz tal-qawmien mill-imwiet. [5]Bih aħna rċevejna l-grazzja ta'
l-appostolat biex inwasslu għall-ubbidjenza tal-fidi l-bnedmin fost
il-ġnus kollha għall-ġieħ ta' ismu. [6]Fosthom tinsabu intom ukoll,
imsejħin biex tkunu ta' Ġesù Kristu; [7]lill-maħbubin kollha ta' Alla li
jinsabu Ruma msejħin biex ikunu qaddisin: grazzja lilkom u sliem
mingħand Alla Missierna u Sidna Ġesù Kristu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Mt 1, 23

Hallelujah. R/. Hallelujah
Ara, ix-xebba tnissel u jkollha iben,
u jsemmuh Għimmanu-El: "Alla magħna."
R/. Hallelujah

# Evanġelju

***Ġesù jitwieled minn Marija l-għarusa ta' Ġużeppi, bin David.***

Mt 1, 18-24

**Qari mill-Evanġelju skond San Mattew**

18 It-tnissil ta' Ġesù l-Messija sar hekk: ommu Marija, wara li tgħarrset
ma' Ġużeppi, qabel ma marru joqogħdu flimkien, saret omm
bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu. 19 Żewġha Ġużeppi, li kien raġel ġust
u ma riedx ixandarha quddiem kulħadd, għamel il-ħsieb li jibgħatha
bil-moħbi tan-nies.

20 Meta kien għadu qiegħed jaħsibha, deherlu anġlu tal-Mulej
fil-ħolm u qallu: «Ġużeppi, bin David, xejn la tibża' tieħu għandek lil
martek Marija, għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu. 21 Hi se
jkollha iben, u inti ssemmih Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn
dnubiethom.»

22 Dan kollu ġara biex iseħħ dak li kien qal il-Mulej permezz
tal-profeta, meta qal: 23 «Ara, ix-xebba tnissel u jkollha iben, u
jsemmuh Għimmanu-El,» li bi lsienna jfisser "Alla magħna."
24 Ġużeppi, meta qam, għamel kif ordnalu l-anġlu tal-Mulej,
u ħa lil martu għandu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu